# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 736/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Martin Farrugia**

Illum 18 ta' Lulju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Martin Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0500077(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Awwissu 2019 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer:

1. ma nnotifikax lid-Direttur għas-Servizzi Veterinarji bil-frieħ ta' annimali perikolużi fi żmien ġimgħa mit-twelid permezz

[1] Ara *a fol.* 1 u 21.

ta' komunikazzjoni bil-miktub mibgħuta b'posta reġistrata jew b'*email* bl-irċevuta tal-kunsinna u dan bi ksur ta' Regolament 4(12) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess dati, lok u ċirkostanzi, ma rreġistrax il-frieħ skont dawn ir-Regolamenti fi-żmien erba' ġimgħat mit-twelid tagħhom u dan bi ksur ta' Regolament 4(12) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' April 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17(b)(f) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 45 tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-Regolamenti 4(12) u 4(13) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.19 tal-Liġijiet ta' Malta (Regolamenti dwar il-Pussess u ż-Żamma ta' Annimali Perikolużi), sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu u kkundannatu jħallas multa ta' għoxrin elf Euro (€20,000).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***tħassar, tirrevoka*** *u* ***tannulla*** *s-sentenza appellata.* ***In subsidium*** *f'każ li l-Qorti ssib ħtija fil-konfront tal-imputat,* ***timmodifika*** *l-istess sentenza appellata inkwantu għall-piena, billi tinfliġġi piena/multa* ***inqas*** *minn dik imposta w* ***sproporzjonata*** *u dan ai finijiet u effetti kollha tal-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-24 ta' Ġunju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' April 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jduru ma' spezzjoni li wettaq l-uffiċċju tas-Servizzi Veterinarji fi Triq Monsinjur Mikiel Azzopardi, fis-Siġġiewi u fil-fond "Animal Kingdom", Triq il-Buskett, Rabat. Mill-atti proċesswali jirrizulta li fis-sena 2017 l-appellant kellu fil-pussess tiegħu numru ta' annimali bejn iljuni, *puma* u *leopard*, liema annimali kienu debitament reġistrati. F'Awwissu 2019, wara spezzjoni fuq is-siti tal-appellant u ċioè sit ħdejn il-Buskett u ieħor is-Siġġiewi ngħad li nstab li l-appellant kellu numru ta' annimali perikolużi akbar minn dawk li kienu rreġistrati fis-sena 2017 u dana mingħajr il-permessi neċessarji. Wara din l-ispezzjoni, fit-12 ta' Ottubru 2019 id-Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja ħareġ Avviż ta' Infurzar.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju b'numru ta' ilmenti li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom. Qabel tipproċedi ulterjorment, din il-Qorti tinnota li jkun opportun li tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2024 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Brandon Said** (Numru 17/2023/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma

setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju b'numru ta' ilmenti b'dan li din il-Qorti ser tibda billi tagħti s-segwenti sunt tagħhom:

- jgħid li huwa innoċenti u li s-sentenza appellata ma għarblitx il-provi kollha kif prodotti bil-konsegwenza li l-imsemmija sentenza għandha tiġi mħassra u kanċellata;

- jargumenta li s-sentenza appellata kienet timmerita aktar motivazzjoni;

- jispjega li huwa fl-ebda punt ma qal li ma riedx jottempera ruħu mal-liġi anzi huwa għamel minn kollox biex jobdi l-liġi iżda ma kienx f'pożizzjoni finanzjarja li jagħmel dan;

- jgħid li ma kellux il-*mens rea* neċessarja sabiex iwettaq ir-reat u li għalhekk irid jiġi meħlus minn kull responsabilita' u jgħid li huwa kien għarraf lill-awtoritajiet iżda huma qed jinħbew wara l-parametri tal-liġi u jispjega li s-sitwazzjoni tiegħu aggravat ruħha bis-sentenza appellata minħabba li jekk qabel ma kellux riżorsi finanzjarji issa l-problemi kibru;

- jgħid li l-pożizzjoni finanzjarja tiegħu hija tant prekarja li hemm proposti li l-annimali jgħaddu bi proprjeta' għand il-Gvern;

- jgħid li għamel ftehim li bih qed iħallas is-somma ta' ħames mitt Euro (€500) fix-xahar.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-ilment tal-appellant li s-sentenza appellata hija nieqsa mill-motivazzjoni, din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ilment stante li fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti tat ir-raġuni għalfejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Fil-qasir l-Ewwel Qorti kienet tal-fehma li mill-provi mressqa l-imputazzjonijiet kienu ġew ippruvati. Din il-Qorti ma għandhiex x'tikkumenta fuq dan meta tqis li l-uniċi provi li hemm fl-atti proċesswali kollha jippuntaw kontra l-appellant. Ma' dan, din il-Qorti żżid tgħid li anke kieku l-Ewwel Qorti ma mmotivatx is-sentenza mogħtija minnha dan ma jwassalx għan-nullita' tas-sentenza. F'dan ir-rigward fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabrizio Lambelet** (Numru 102/2022) ingħad hekk:

> "Din id-disposizzjoni tal-liġi allura ma tinneċessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Maġistrat jew inkella li din tkun waħda motivata. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Albert Bezzina**[2] intqal:
>
> [...]
>
> Magħdud dan madanakollu r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-dispożizzjonijiet tal-liġi li dwarhom qed tinstab il-ħtija. Issa ma hemmx dubbju illi d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti hija ċara fis-sens illi sabitu ħati tal-akkużi

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Lulju 1994.

> kollha salv it-tieni akkuża però filwaqt li fis-sentenza mogħtija fil-verbal hemm liberazzjoni mit-tieni akkuża fis-sentenza dattilografata ma hemmx referenza għat-tieni akkuża u għalhekk la ġie misjub ħati tagħha u lanqas ma ġie liberat minnha." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Maria Victoria Grech** (Numru 219/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti temmen li f'kawżi bħal din in eżami fejn si tratta ta' allegata offiża ħafifa fuq il-persuna ta' żewġ minuri minn ommhom, ikun ta' benefiċċju għal partijiet kollha li titniżżel il-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Qorti tkun waslet għal deċiżjoni ta' ħtija. Minkejja dan, stante li jirriżulta li l-Qorti fis-sentenza appellata niżlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-ħtija u l-piena f'dan il-każ il-liberta' kundizzjonata jfisser li l-kweżiti tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew rispettati u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx għan-nullita' tas-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti tħoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitniżżel il-ħsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni li waslet għaliha."

Illi għaldaqstant l-ilment tal-appellant li jirrigwarda n-nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza appellata qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi rigward l-ewwel ilment u ċioè li l-Ewwel Qorti ma għarblitx il-provi kollha li kellha quddiemha, din il-Qorti tibda billi tinnota li l-appellant naqas milli jimmotiva dan l-ilment billi tal-inqas jindika liema provi ma ġewx meħuda in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti. Stabbilit dan jiġi nnutat ukoll li l-Ewwel Qorti

primarjament ibbażat ruħha fuq ix-xiehda mogħtija mill-veterinarju Dr. Duncan Chetcuti Ganado u fuq ix-xiehda tal-uffiċjal Charles Spiteri, li xehed diversi drabi. Din il-Qorti fliet bir-reqqa dak li qalu x-xhieda l-oħra. Minn dawn il-provi kollha jirriżulta kwadru probatorju xejn sabiħ għal dak li jirrigwarda l-appellant. L-uniċi provi li hemm fl-atti proċesswali kollha jippuntaw lejn il-fatt li l-appellant kien ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Għalhekk sa fejn dan l-aggravju jorbot ma' l-għarbiel tal-provi, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha.

**Ikkunsidrat**

Illi għal dak li jirrigwarda l-element formali tar-reat din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal dak li jgħallem **Francesco Carrara** fil-ktieb tiegħu Corso fi Diritto Criminale – Programma – Parte Generale (4th. Edition) fejn jgħid hekk:

> "Se l'intelletto, o la volontà, od ambedue, mancano del tutto all'agente, non vi è intenzione, e non vi è per conseguenza imputabilità."

Illi fin-Noti tiegħu Notes on Criminal Law (First Year – Criminal Law), il-Profs. Mamo jispjega li l-element formali tar-reat jista' jieħu żewġ forom: dak tad-*dolus* u dak tal-*culpa*. B'mod partikolari jsemmi s-segwenti:

> "This 'mens rea' may assume one or other of two distinct forms, namely, wrongful intention (*dolus*), or culpable negligence (*culpa*). The offender may either have done the wrongful act on purpose, or may have done it carelessly, and in each case the mental attitude of the doer is such as to make punishment effective."

Illi dan il-ħsieb ġie wkoll suffragat minn dak li jgħid il-**Carrara** fil-ktieb tiegħu ċċitat hawn fuq meta jgħid hekk:

"Meglio sembra poter servire a graduare la colpa la distinzione fra chi nulla affatto pensò al tristo evento (lo che i Romani dissero *culpa ex ignorantia*) e chi vi portò il pensiero, ma previde che *non sarebbe avvenuto* (lo che i Romani dissero *culpa ex lascivia*). Un giovine sta per esplodere contro una fiera; il suo compagno lo avverte che ad una distanza vi è un uomo: ti par egli (risponde il primo) è impossibile che il piombo arrivi laggiù mai; ed esplode, ed il piombo giunge a ferire. Costui non è in *dolo*, perchè ha *preveduto* come cosa certa di *non ferire*: ma la sua colpa è più grave che non sarebbe quella di chi niente avesse veduto quell'uomo. Queste regole si sentono in pratica, ma difficilmente si riducono a formule assolute di dottrina."

Illi mill-fatti proċesswali jirriżulta li l-appellant naqas milli jinforma lill-awtoritajiet Maltin dwar il-wild tal-annimali in kwistjoni. Din il-Qorti tistaqsi jekk dan sarx bl-iskop li tiġi frankata l-miżata amministrattiva dovuta għal tali reġistrazzjoni. Il-kwistjoni li llum l-appellant ma għandux flus sabiex iħallas ma hija xejn ħlief tentattiv sabiex huwa jgħatti għan-nuqqas tiegħu. Jekk l-appellant ma kellux flus sabiex jirreġistra l-wild tal-annimali li kellu messu ra dak li kellu jagħmel sabiex possibbilment ma jipprokrejawx.

Illi anke jekk l-appellant għamel xi pagamenti lill-awtoritajiet kompetenti jibqa' il-fatt li meta fis-sena 2019 marru fuq is-siti l-uffiċjali huwa kellu numru konsiderevoli ta' annimali perikolużi mhux reġistrati. Għalhekk tenut kont ta' kollox din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi l-aggravju mressaq mill-appellant bl-ilmenti kollu msemmija fih għandhom jiġu miċħuda *in toto*.

**Ikkunsidrat**

Illi rigward il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant, din il-Qorti tinnota li għalkemm ma hemmx aggravju f'dan ir-rigward, fit-talbiet tiegħu l-appellant jitlob f'każ li din il-

Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tiegħu li hija timmodifika s-sentenza appellata fejn jirrigwarda piena billi tinfliġġi piena/multa anqas minn dik imposta.

Illi din il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:
>
> > *It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. [...]*
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' Appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċement għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku

> kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. [...]"

Illi din il-Qorti rat il-liġi applikabbli meta twettaq ir-reat in kwistjoni u meta dan jiġi mqabbel mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jirriżultalha li tali piena hija ġustifikata u taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha. In vista ta' dan u tenut kont ta' kollox, din il-Qorti hija tal-fehma li anke t-talba tal-appellant fir-rigward tal-piena/multa erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu jisthoqqilha tiġi miċħuda.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Martin Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**